MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 141/2008

**A B għan-nom u in rappreżentanza ta' ibnu assenti C B**

**-vs-**

**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fid-9 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-attur A *nomine* ppremetta:

Illi C B u D B kkuntrattaw żwieġ fid-9 ta' Diċembru 1999; *(vide Ċertifikat taż-Żwieġ anness u mmarkat Dok A);*

Illi permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati Federali tal-Awstralja datat 27 ta' April 2006, ingħata d-divorzju taż-żwieġ imsemmi lil C B u D B, liema divorzju

daħal fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2006; *(vide kopja tad-Digriet annessa u mmarkata Dok B);*

Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet għadha pero' *in vigore stante* l-fatt ili din baqgħet ma ġietx diviża;

Illi l-attur C B ilu jgħix l-Awstralja għal dawn l-aħħar sentejn u għalhekk qiegħed ikun irrappreżentat f'din il-kawża minn missieru A B *(vide kopja tal-prokura hawn annessa u mmarkata Dok C)*;

Illi l-attur C B jixtieq illi ssir il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn D B;

Illi meta C B talab lil D B sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, din irrifjutat għar-raġunijiet li ser jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, tgħid għalhekk l-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tordna l-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn C B u D B, bil-ħatra ta' periti nominandi jekk dan ikun meħtieġ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur A B *nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ippreżentata 24 ta' Ottubru 2008, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi preliminarjament tiġi sottomessa n-nullita' tar-rikors odjern li r-rikorrent naqas li jitlob li ssir il-medjazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll naqas li jottjeni l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) *ai termini* tal-Avviż Legali 397 tas-sena 2003 sabiex ikun jista' jipproċedi b'dawn il-proċeduri kontra l-intimata odjerna;

Illi preliminarjament ukoll tiġi eċċepita *lis alibi pendens ai termini* tal-artikolu 794 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta *stante* li l-intimata stess intavolat rikors ġuramentat bin-numru 335/2008 kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti żewġha C B, liema rikors għadu pendenti, u f’liema rikors ġuramentat l-intimata titlob ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll mitluba f’dan ir-rikors iżda wkoll tressaq diversi talbiet oħra fosthom il-konferma tal-kura u kustodja tal-ulied, li tiġi ffissata somma ta’ manteniment favur il-minuri kif ukoll il-ħlas ta’ manteniment b’lura (kopja annessa dokument AC A). L-intimata tindika t-talbiet kollha tagħha kontenuti fir-rikors ġuramentat bin-numru 335/2008 bħala eċċezzjonijiet għar-rikors odjern;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu dak iddikjarat mir-rikorrent ċjoe’ illi l-intimata rrifjutat li tiddiskuti d-diviżjoni, anzi meta l-intimata tikkonferma li *stante* li C B qata’ kull kuntatt magħha hija kellha bilfors tipproċedi bil-Qorti sabiex tkun tista’ ssir id-diviżjoni tal-komunjoni permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 335/2008 li għadu pendenti;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimata taqbel li għandu jkun hemm id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet iżda din mhux neċessarjament f’porzjonijiet ugwali sabiex b’hekk id-diviżjoni tagħmel tajjeb għall-manteniment li qatt ma tħallas minn C B fil-konfront ta’ wliedu u dan kif rifless fit-talbiet tal-intimata fir-rikors ġuramentat bin-numru 335/2008;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għandha mhux biss tieħu in konsiderazzjoni l-proprjeta’ f’Malta li fiha tirrisjedi l-intimata maż-żewġ uliedha iżda wkoll il-proprjeta’ kemm mobbli kif ukoll immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti li tinsab fl-Awstralja;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tat-3 ta' April 2009 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet **"D B vs L-Avukat Dottor Patrick Valentino"** li permezz tagħha l-fond 232 Heights Courts, Block B Flat 1 Triq il-Għasel, Mellieħa ġie dikjarat appartenenti biss lill-konvenuta u r-rikors tagħha a fol 61 tal-proċess fejn hija talbet li din il-Qorti tordna l-pubblikazzjoni tal-kuntratt għal dan l-iskop;

Rat id-digriet tas-6 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu din it-talba ġiet akkolta, u dak tat-13 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tordna li l-konvenuta tiġi assenjata l-proprjeta' fuq imsemmija billi jiġi trasferit mill-attur favur tagħha n-nofs indiviż tagħha (kif spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "D B vs Dr. Patrick Valentino *nomine*" deċiża fit-22 ta' Ġunju 2011). Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana sabiex tippubblika l-att relattiv fil-jum, ħin u lok li jiġi ffissat mill-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew mill-istess Nutar, u taħtar ukoll lill-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bħala kuratur tal-kontumaċi fuq l-istess att.**

**L-ispejjeż tal-kuntratt ikunu a kariku tal-konvenuta, filwaqt li dawk tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------